# *HOLM I*

*Nixtieq immur 'il bogħod, bejn sema w ilma,*
*fir-raxxa tax-xmejxiet,*
*fejn tbus il-mewġa taċ-ċafċifa wtieqa*
*il-firxa tal-fewġiet:*

*U noħlom fuq id-daħ'r ta' bandla (1) bajda,*
*taħt star mil-lewn in-nir,*
*fis-seħer għani tat-tagħmix t'għajnejja*
*li jfiġġ mill-qlugħ il-kbir:*

*Noħlom fil-ħajja kollha ħelwa w ratba,*
*bħal sieq il-ġilju mriegħex*
*ġe' ġnejna ħajja bil-wardiet il-kwiekeb*
*fejn jagħab in-nida mriegħex:*

*Noħlom fiż-żifna tal-friefet imġenna*
*bil-ġilwa ta' sbuħithom,*
*li tfawwar f'serp ix-xmajjar f'ħarset Mejju,*
*fil-ħena ta' żgħużithom:*

*O, kif fil-ġonna kbar ta' ħsibijieti*
*li jgħiru għall-xulxin.*
*Kif niġri w nixrob l-għasel bnin li jinbet*
*Fuq daħ'r dgħajjes ċkejknin!*

*Fuq daħ'r dgħajjes ċkejknin, 'il bogħod, 'il barra.*
*Fir-raxxa tax-xmejxiet,*
*fejn tbus il-mewġa taċ-ċafċifa wtieqa*
*il-firxa tal-fewġiet:*

*Hemmhekk id-dawl tal-jum, il-leħħ tal-kwiekeb,*
*jisirqu ħbub l-għajnejn;*
*u l-wisgħa wasgħa tal-wesgħat tal-ibħra*
*jiħduk, ma tafx il-fejn...*

**WALLACE GULIA,**
*(Kors Akkad. tax-Xjenza)*

---

(1) dgħajsa